

Brussell, 18 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12435/23

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0240(BUD)

---

BUDGET 23

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

---

Suġġett: Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2023: Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) u aġġustamenti tekniċi oħrajn inkluż it-twaqqif u l-iffinanzjar tal-Istrument għat-Tisħiħ tal-Industrija tad-Difiża l-ġdid u tal-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep: Pożizzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2023

---

### I. INTRODUZZJONI

Fit-3 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2023 dwar aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) u elementi speċifiċi oħra relatati man-nefqa<sup>1</sup>.

Il-mira ewlenija ta' din il-proposta hija li jiġi aġġornat l-baġit mil-lat ta' dħul biex jitqiesu l-aħħar żviluppi fir-rigward ta':

- il-previżjonijiet aġġornati tar-riżorsi proprji għall-baġit tal-2023 maqbula mill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP) fil-25 ta' Mejju 2023;
- l-aġġornament ta' dħul ieħor bħall-kontribuzzjoni tar-Renju Unit, multi u affarijiet oħra.

---

<sup>1</sup> Dok. 11360/23.

Barra minn hekk, l-ABE Nru 3/2023 jinkludi l-elementi speċifiċi li ġejjin relatati man-nefqa:

- aġġustamenti fir-rigward tal-istabbiliment u l-finanzjament għall-2023 tal-Istrument il-ġdid għat-Tisħiħ Industrijali tad-Difiża stabbilit permezz tal-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP);
- aġġustamenti fir-rigward tal-finanzjament tal-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep<sup>2</sup> għall-2023 wara l-ftehim politiku li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fit-18 ta' April 2023;
- kanċellazzjoni tal-appropriazzjonijiet mil-linja ta' riżerva għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA), minħabba dewmien fin-negozjati ma' tliet pajjiżi terzi (jiġifieri l-Marokk, il-Liberja u l-Gżejjer Solomon);
- it-tisħiħ tal-baġit tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) biex ikopri spejjeż addizzjonali fir-rigward tal-kera li għandha titħallas lill-Parlament Ewropew.

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE Nru 3/2023 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 54.8 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u tnaqqis ta' EUR 190.9 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament.

## II. KONKLUŻJONI

Fit-18 ta' Settembru 2023, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-ABE Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2023 kif jinsab fl-anness tekniku li jinsab fl-Addendum 1 għal dan il-memorandum ta' spjegazzjoni.

---

<sup>2</sup> Dok. 6170/22 (COM(2022) 46 final).